VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,147, 4 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 310 tal-2013

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Eliġibilità għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti jridu jkunu:

(a) irreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università;

(b) issodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors skont ir-regolament 4;

(ċ) temmew il-kors tal-istudji, ikkwalifikaw fl-eżamijiet u issodisfaw kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(d) issodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti u regolamenti rilevanti oħra tal-Università.

Id-Dħul u r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd tal-istudenti li jistgħu jidħlu fil-Kors. F'dawn iċ-ċirkostanzi s-Senat għandu jagħmel regolamenti għall-għażla tal-applikanti għad-dħul.

(2) Biex japplikaw għad-dħul fil-Kors l-applikanti għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul bħala studenti regolari skont ir-Regolamenti għad-Dħul, jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(a) għaddew bi Grad B jew aħjar fil-Livell Avanzat tal-Eżami tal-Matrikola fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u

(b) għaddew bi Grad B jew aħjar fil-Livell Intermedju tal-Eżami tal-Matrikola f'wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin: l-Accounting, l-Għarbi, il-Computing, l-Ekonomija, l-Engineering Drawing and Graphical Communication, il-Filosofija, il-Fiżika, il-Franċiż, il-Ġeografija, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Istorja, il-Latin, il-Malti, il-Matematika Applikata (il-Mekkanika), il-Matematika Pura, il-Psikoloġija (minn Ottubru 2013), ir-Russu, is-Soċjoloġija, l-iSpanjol, it-Tagħlim Reliġjuż, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni, it-Taljan;

sakemm li r-riżultati kollha f'dawn ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors ikunu miksuba flimkien f'sessjoni waħda tal-eżamijiet (jiġifieri f'seduta waħda) u huma miksuba minn bord tal-eżamijiet rikonoxxut mill-istess pajjiż.

(3) Għall-għan tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, ir-riżultat ta' għadda miksub f'sessjoni tal-eżamijiet li ssir wara li r-riżultati tas-sessjoni ta' qabel ikunu ppubblikati, għandu jitqies li hu riżultat ta' għadda miksub f'sessjoni li hi distinta minn dik ta' qabilha. Dan ir-regolament għandu japplika wkoll għat-tieni sessjoni tal-Eżami tal-Matrikola offrut mill-Bord tal-MATSEC tal-Università ta' Malta skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2013 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola u dan minkejja kwalunnkwe regolament ieħor dwar l-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(4) **Għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara**, l-applikanti li jippreżentaw kwalifiki barranin huma meħtieġa jippreżentaw Ċertifikat fil-Malti Mediku, mogħti mill-Università ta' Malta, qabel il-bidu tal-Kors, iżda l-applikanti

li jippreżentaw kwalifiki barranin u li jkunu għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit.

Iċ-Ċertifikat fil-Malti Mediku huwa meħtieġ kemm għad-dħul fl-Ewwel Sena, kif ukoll għad-dħul fit-Tielet Sena tal-Kors.

(5) L-applikanti li għandhom wieħed minn dawn il-gradi miksuba mill-Università ta' Malta jistgħu japplikaw ukoll:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science ikklassifikat f'Kategorija II jew aħjar jew il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar, fiż-żewġ każijiet bil-Bioloġija u l-Kimika bħala l-oqsma prinċipali, jew fin-Nursing Studies, jew fil-Midwifery, jew fil-Physiotherapy, jew fir-Radiography, jew fl-Applied Biomedical Science (jew fil-Medical Laboratory Science), jew fl-Occupational Therapy (minn Ottubru 2013), jew fi grad komparabbli; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar; jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery ikklassifikat fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar li jkun mogħti minn Lulju 2009 'il quddiem.

(6) L-applikanti li għandhom xi kwalifiki oħrajn miksuba wara li jkunu temmew l-istudji tagħhom barra minn Malta jkunu kkunsidrati mill-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà u jitħallew jidħlu fil-Kors jekk ikun aċċertat li l-kwalifiki tagħhom huma komparabli għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (2), (3) u (5) ta' dan ir-regolament.

(7) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal intervista u/jew eżami. Il-Bord/Bordijiet tal-Intervisti għandu/għandhom ikun/u magħmul/a mid-Dekan jew id-delegat tiegħu, tliet membri oħra maħtura mill-Bord, li wieħed minnhom għandu jkun minn barra l-Fakultà, u membru ieħor maħtur mis-Senat. Sa tliet Bordijiet tal-Intervisti għandhom ikunu maħtura kull darba li jiftaħ il-kors li jkun se jibda kif determinat mill-Bord.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' ħames snin u huwa maqsum f'żewġ partijiet: il-Parti ta' Qabel il-Klinika, li tieħu sentejn, jiġifieri l-Ewwel u t-Tieni Sena, u l-Parti Klinika, li tieħu tlett snin, jiġifieri, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames sena.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Ħlief bil-permess tal-Bord, l-istudenti għandhom isegwu l-Kors mingħajr sospensjoni jew ripetizzjoni. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jissospendu l-istudji tagħhom jew jirrepetu sena darba biss f'kull waħda mill-partijiet tal-Kors.

(3) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jagħmlu sena addizzjonali ta' studju darba biss matul il-Kors.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-Bord jippubblika l-programm ta' studju, li jinkludi t-taqsimiet studju mgħallma kollha f'kull sena tal-Kors, is-sillabu tagħhom u l-metodu ta' valutazzjoni wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel it-tibdiliet neċessarji fil-programm ta' studju kif meħtieġ.

7. Il-programm ta' studju għal kull sena tal-Kors għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u jistgħu jinkludu pjazzamenti prattiċi, fil-laboratorju u kliniċi kif spjegat fid-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju offruta matul is-sena.

L-Iskema ta' Marki għall-Kors

8. (1) Matul il-Kors, ir-riżultat ta' kull taqsima studju għandu jkun ippubblikat skont dawn il-marki u l-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla mertu:

Medda tal-Marki	**Grad**
95% - 100%	A+
80% - 94%	A
75% - 79%	B+
70% - 74%	B
65% - 69%	C+
55% - 64%	C
50% - 54%	D+
45% - 49%	D
0% - 44%	F

(2) L-istudenti li jeħlu f'taqsima studju ddikjarata bħala kumpensabbli fil-Programm ta' Studju, b'marka ta' mhux anqas minn 35% għandhom jingħataw il-grad ta' CP (għaddew b'kumpens) jekk il-Marka Medja tas-Sena tagħhom tkun għall-anqas 50%. L-istudenti ma jitħallewx joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li jgħaddu minnhom b'kumpens.

(3) F'kull sena akkademika, l-istudenti ma jistgħux jgħaddu minn aktar minn 14–il krettu ECTS permezz ta' kumpens.

Il-Valutazzjoni u l-Progress fil-Kors

9. (1) Il-metodu tal-valutazzjoni għall kull taqsima studju għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-taqsima studju u ppubblikat fil-katalgu tat-taqsimiet studju. Ir-riżultat ta' kull taqsima studju għandu jinkludi l-komponenti kollha tal-valutazzjoni ta' dik it-taqsima studju.

(2) Fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 16–il krettu ECTS, jew żewġ taqsimiet studju li bejniethom għandhom assenjati mhux aktar minn 20 krettu ECTS, u li ma jkunux eliġibbli biex jgħaddu b'kumpens għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari f'Settembru tal-istess sena,
sakemm li:

(a) il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju fil-programm ta' studju għandha tkun maqsuma bejn wieħed u ieħor b'mod ugwali bejn iż-żewġ semestri, inkella jekk ma jkunx hekk, il-limitu stipulat f'dan ir-regolament m'għandux japplika; u

(b) fis-Sena Finali tal-Kors (il-5 Sena), l-istudenti li jeħlu biss fl-Eżami Kliniku Finali, li għalih hemm assenjati 30 krettu ECTS, għandhom jitħallew jagħmlu l-valutazzjoni mill-ġdid ta' din it-taqsima studju fis-sessjoni supplimentari ta' Settembru tal-istess sena.

(3) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS jew anqas, wara pariri akkademiċi mid-Dekan u/jew mill-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, jistgħu jingħataw l-għażla mill-Bord, li jew:

(a) jirreferu t-taqsima/taqsimiet studju li weħlu fiha/fihom għas-sena ta' wara u jsegwuha/jsegwuhom flimkien mat-taqsimiet studju indikati għal dik is-sena; jew

(b) jirreferu t-taqsima/taqsimiet studju li weħlu fiha/fihom għal sena addizzjonali ta' studju, jekk l-istudent ikun fil-5 Sena tal-Kors u jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) jirrepetu s-sena, jekk ikunu eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(4) L-istudenti msemmija fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament li jagħżlu li jirreferu t-taqsimiet studju li weħlu fihom għas-sena ta' wara tal-Kors għandhom jitqiesu li komplew kondizzjonalment u m'għandhomx jitħallew ikomplu l-Kors jekk, wara s-sessjoni supplimentari ta' dik is-sena, jerġgħu ma jgħaddux fit-taqsima/taqsimiet studju li rriferew.

(5) L-għażla li l-istudenti jirreferu t-taqsimiet studju għas-sena ta' wara għandha tkun disponibbli darba biss matul il-Kors u m'għandhiex tapplika għall-

istudenti li huma rreġistrati fit-Tieni Sena tal-Kors li huma meħtieġa jgħaddu fit-taqsimiet studju kollha tat-Tieni Sena qabel ma jkomplu għat-Tielet Sena tal-Kors, ħlief fil-każ tat-taqsimiet studju msemmija fil-paragrafu (7) ta' dan ir-regolament. L-istudenti tat-Tieni Sena li ma jkunux eliġibbli biex ikomplu għat-Tielet Sena tal-Kors ikunu meħtieġa li jtemmu b'suċċess it-taqsima/taqsimiet studju li jkunu weħlu fiha/fihom matul sena addizzjonali ta' studju, jew li jirrepetu s-sena, fiż-żewġ każijiet jekk ikunu eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(6) Jekk student ma jkunx jista' jiġi evalwat f'taqsimiet studju riferuti minħabba raġuni kkunsidrata bħala valida mis-Senat, l-istudent ikun meħtieġ ikompli r-rekwiżiti tas-sena ta' qabel f'sena addizzjonali ta' studju, jekk ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti. Taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandu student jitħalla jkompli għas-sena ta' wara jekk ir-rekwiżiti tas-sena ta' qabel dik kurrenti ma jkunux ġew sodisfatti.

(7) Fil-każ ta' valutazzjonijiet li jistgħu jsiru darba biss matul is-sena akkademika u għalhekk sessjoni supplimentari ma tkunx possibbli, l-istudenti li jeħlu f'dawn il-valutazzjonijiet jew li ma jkunux jistgħu jiġu evalwati għal xi raġuni li s-Senat jikkunsidra bħala valida, jitħallew ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors, sakemm li dawn l-istudenti jgħaddu minn dawn il-valutazzjonijiet f'dik is-sena, jew f'sena addizzjonali ta' studju, jekk eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(8) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 10 kretti ECTS ma jitħallewx ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors, iżda jkunu meħtieġa li jirrepetu s-sena jekk eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(9) Fis-sena ta' ripetizzjoni, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu u jkunu evalwati fit-taqsimiet studju kollha tal-programm ta' studju ta' dik is-sena, anke f'dawk li jistgħu jkunu għaddew minnhom. Kwalunkwe marka/grad tista' tingħata fis-sena ta' ripetizzjoni u din għandha tissostitwixxi l-marki/gradi li kienu miksuba fis-sena ta' qabel.

(10) Il-marka/grad massima li tista tingħata f'taqsima studju riferuta, irrispettivament jekk is-suġġett ikunx ġie evalwat f'sessjoni tal-eżamijiet normali jew supplimentari, hija ta' 45%, grad D.

(11) L-attendenza għall-lekċers, laqgħat tutorjali, *seminars*, sessjonijiet prattiċi, pjazzamenti kliniċi u fil-laboratorju, u għal-kwalunkwe sessjoni ta' tagħlim oħra hija obbligatorja. Il-lekċerers, wara konsultazzjoni mal-Kap tad-Dipartiment, jistgħu ma jħallux student li l-attendenza tiegħu għal xi taqsima studju ma tkunx sodisfaċenti jiġi evalwat għal dik it-taqsima studju. F'dawn il-każijiet, il-marka ta' 0 u l-grad ta' F għandhom jingħataw u jiġu rreġistrati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Eżamijiet fis-Sena Finali tal-Kors

10. (1) Fis-Sena Finali (il-5 Sena) tal-Kors, il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju eżaminati b'karta/karti bil-miktub għandhom isiru fis-sessjoni tal-eżamijiet ta' Jannar. L-eżami għat-taqsima studju klinika għandha ssir fis-sessjoni tal-eżamijiet ta' Ġunju.

(2) Qabel ma jitħallew joqogħdu għal kwalunkwe eżami tas-Sena Finali (il-5 Sena) tal-Kors, l-istudenti għandhom jippreżentaw lid-Dekan ċertifikat, iffirmat mill-kapijiet tad-dipartiment konċernati, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti l-iskeda tal-pjazzamenti kliniċi preskritti għall-Kors.

11. L-istudenti ma jitħallewx jerġgħu joqogħdu għal kwalunkwe eżami tas-Sena Finali (il-Ħames Sena), jekk ma jkunux segwew b'mod sodisfaċenti studji addizzjonali u/jew xogħolijiet prattiċi u/jew kliniċi li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ.

Il-Klassifikazzjoni tal-Grad

12. (1) Il-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun iddeterminata mill-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad magħmul kif ġej:

Id-Dekan bħala ċ-*Chairman*; u
Il-Kapijiet tad-Dipartimenti involuti fit-tagħlim tal-programm.

(2) Il-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-eżamijiet tat-taqsimiet studju ta' matul is-Sena Finali (il-5 Sena) tal-Kors.

(3) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jikkonsulta l-linji gwida li ġejjin meta jiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni finali tal-Grad:

Marka Medja Finali Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
80 – 100%	Għadda b'Distinzzjoni
70 – 79%	Għadda b'Mertu
45 – 69%	Għadda

(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jagħti Grad bi klassifikazzjoni ogħla minn dik indikata fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament lil studenti li l-Marka Medja Finali Mwieżna tagħhom hija sa tliet marki anqas minn klassifikazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad ikun meħtieġ iżomm il-minuti tad-deċiżjoni tiegħu u l-ġustifikazzjoni għaliha.

(5) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' wkoll jagħti Grad bi klassifazzjoni anqas minn dik indikata fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad ikun meħtieġ jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord li għandu jżomm il-minuti tad-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha. L-istudenti kkonċernati jistgħu jappellaw lis-Senat kontra d-deċiżjoni sa 15–il ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni.

Il-Konsegwenzi tal-Irtirar mill-Kors

13. Meta student jirtira mill-Kors b'għażla tiegħu jew għax ma jkunx eliġibbli biex jipproċedi aktar skont dawn ir-regolamenti, iżda jkun temm b'suċċeess mill-anqas 180 krettu ECTS, jew l-ekwivalenti ta' tliet snin ta' studju *full-time*, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.).

14. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bit-taqsimiet studju kollha mwieżna ndaqs u għandhom ikunu kklassifikati kif ġej:

Marka Medja Mwieżna	**Klassifikazzjoni**
80 – 100%	Kategorija I
70 – 79%	Kategorija IIA
55 – 69%	Kategorija IIB
45 – 68%	Kategorija III

15. L-istudenti li temmew il-programm tal-Grad parzjalment qabel is-sena akkademika 2010/11 u li jissodisfaw ir-regolament 13 għandhom id-dritt li jitolbu, meta jidħol fi-seħħ dan ir-regolament, biex jingħataw il-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.) mingħajr preġudizzju u *ex gratia* sakemm li dan il-grad ma jingħatax retroattivament. F'dawn il-każijiet, dan il-grad ma jkunx ikklassifikat.

Il-Provvediment Ġenerali

16. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jkun iggwidat mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, kif applikabbli.

It-Tħassir

17. Ir-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D., ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 137 tal-1998, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2012, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2012 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.